MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 6/1991/1

**Carmela u Maria ahwa, xebbiet, Grech**

**-vs-**

**Giuseppa mart Luigi Said**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppremettew illi Emanuel Grech miet il-Pieta' Malta fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru 1969 minghajr tfal jew dixxendenti ohra b'zewg testmenti "unica charta" li huwa ghamel flimkien ma' martu, Carmela Vella - wiehed tad-29 ta' Novembru 1969 (atti Nutar Antonio Galea) u l-iehor tal-5 ta' Dicembru 1969 (atti Nutar Antonio Galea) u minbarra il-prelegati minnu imhollija, huwa halla eredi universali ta' hwejgu liz-zewg hutu, Carmela u Maria, ahwa, xebbiet Grech f'porzjoni ndaqs bejniethom;

Illi martu, Carmela Vella mietet fl-4 ta’ Marzu 1988 u minbarra z-zewg testmenti hawn fuq imsemmija, hija ghamlet testment iehor, wara l-mewt ta’ zewgha, li jgib id-data tat-30 ta’ Jannar 1975 (atti Nutar Antonio Galea), f’liema testment minbarra l-prelegati hemm minnha mhollija, hija halliet bhala werrieta universali ta’ l-assi kollha taghha lil Giuseppa mart Luigi Said;

Illi l-atturi ma jridux jibqghu iktar f’stat ta’ kommunjoni mal-konvenuta ghar-rigward l-ereditajiet hawn fuq imsemmija.

Talbu li din l-Onorabbli Qorti wara li jigu assenjati l-legati skond il-precitati testmenti, tordna:

1. l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti gia ezistenti bejn Emanuel Grech u Carmela nee’ Vella billi tigi dikjarata li tikkonsisti f’dawk il-beni li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. id-divizjoni ta’ l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti f’zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lill-assi ereditarji ta’ l-imsemmi Emanuel Grech u l-ohra lill-assi ereditarji ta’ l-imsemmija Carmela nee’ Vella;

3. il-likwidazzjoni ta’ l-assi parafernali ta’ l-imsemmi Emanuel Grech billi jigu dikjarati li jikkonsistu f’dawk il-beni li jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;

4. il-likwidazzjoni ta’ l-assi parafernali ta’ l-imsemmija Carmela nee’ Vella billi jigu dikjarati li jikkonsistu f’dawk il-beni li jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;

5. l-assenjazzjoni ta’ l-assi kollha ta’ Emanuel Grech, hekk likwidati lill-atturi f’porzjoni ndaqs bejniethom u cioe’ nofs (1/2) kull wiehed.

6. L-assenjazzjoni ta’ l-assi kollha ta’ Carmela nee’ Vella, hekk likwidati lill-konvenuta;

7. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-kuntratt ta’ divizjoni u assenjazzjoni fil-gurnata, hin u lok

li joghgobha tordna dina l-Onorabbli Qorti, bl-intervent tal-kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att ta’ divizjoni u assenjazzjoni.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta’ l-istess konvenuta sabiex tidher personalment ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija mharka.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. illi hija ma topponix u qatt ma opponiet illi ssir id-divizjoni mitluba mill-atturi purche’ l-ewwel jigu verifikati l-assi u l-kontenut preciz taghhom.

2. Illi fl-umili sottomissjoni ta’ l-esponenti, anke in vista tal-lista deskrittiva ta’ l-assi in divizjoni illi l-esponenti qeghdha tannetti ma’ din in-nota ta’ l-eccezzjonijiet, gialadarba l-assi in divizjoni ma jikkontjenux beni mmobbli s-seba’ talba ta’ l-atturi hija superfluwa u barra minn lokha u fi kwlaunkwe kaz, l-ispejjez relattivi ghaliha ghandhom jigu sopportati unikament u esklussivament mill-istess atturi.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha akkompanjanti l-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti, diversament preseduta, fejn innominat lill-Avukat Michael Grech bhala perit legali (fol.127);

Rat u ezaminat ir-relazzjoni pprezentata u mahlufa mill-abbli perit legali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi l-assi li ghandhom jigu divizi f’din l-kawza, eskluzi il-legati li m’humiex meritu tal-kawza, jikkonsistu f’depoziti lokali bankarji, investimenti fi stocks, u mmobbli wiehed konsistenti f’remissa gewwa sqaq fi Triq San Gwann, Victoria, Ghawdex. L-assi huma provenjenti mill-wirt tal-konjugi Emanuel u Carmela Grech li mietu fit-23 ta’ Dicembru 1969 u fl-4 ta’ Marzu 1988 rispettivament. Huma ma kellhomx tfal u rregolaw is-successjoni taghhom permezz ta’ zewg testmenti ‘unica charta’ tat-29 ta’ Novembru 1969 u tal-5 ta’ Dicembru 1969, u iehor tat-30 ta’ Jannar 1975, ilkoll in atti Nutar Antoinio Galea (esebiti rispettivament folio 13 sa 24 tal-process); l-ahhar citat testment maghmul minn Carmela Grech wahedha wara li kien miet zewgha.

Illi a bazi tat-testmenti fuq citati l-eredi universali istitwiti huma: in kwantu ghall-assi ta’ Emmanuel Grech hutu xebbiet Carmela u Maria Grech, u in kwantu ghall-assi ta’ Carmela Grech in-neputija taghha Giuseppa mart Luigi Said.

Illi din il-Qorti, diversament preseduta, kienet innominat lill-Avukat Dottor Michael Grech qua perit legali sabiex jirrelata fuq l-konsistenza tal-assi in divizjoni, kemm dawk appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti, u kemm dawk parafernali z-zewg konjugi.

Illi fl-imsemmija relazzjoni (folio 190 et seq), senjatament f’dik il-parti ntestata “Konsiderazzjonijiet” (folio 214 sa 222), hemm elenkat l-attiv u l-passiv tal-assi in diskussjoni. Fil-parti konkluzjonali taghha (folio 223 sa 225) hemm r-rakkomandazzjonijiet tal-abbli perit legali.

Illi mir-relazzjoni jirrizulta li:

A. l-assi komprizi l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-konjugi Grech jikkonsistu:

- f’kont fiss l-Bank of Valletta Limited numru 12400927043 gja 247086390;

- f’zewg akkonti fil-Malta Government Stock bin-numru S200507 u S204660 rispettivament;

- r-remissa fuq imsemmija;

B. il-beni parafernali ta’ Emmanuel Grech jikkonsistu:

- fin-nofs indiviz tal-assi formanti parti l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq specifikat;

- f’zewg kontijiet fissi mal-Bank of Valletta numri 12408418017 gja 247096639 u 12406588017 gja 247032339;
- f’kont numru L119259 mal-Mid-Med bank illum HSBC;

- f’kont kurrenti gja numru 2150 fil-Malta Governement Savings Bank fejn jesistu xi centezmi;

C. il-beni parafernali ta’ Carmela Grech nee’ Vella jikkonsistu:

- fin-nofs li jispetta lill-eredita’ taghha mill-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija;

- f’ kont fiss mal-Bank of Valletta Limited numru 12400927027 gja 247032304;

- f’ kont ‘savings’ wkoll mal-Bank of Valletta numru 12400927014 gja 244029817;

- f’ kont fiss mal-Mid-Med Bank numru L119260;

- f’investiment fil-Malta Government Stock kont numru S201655;

Illi wara verifiki li ghamlet din l-istess Qorti mill-atti processwali u wara li annotat u ghamlet xi korrezzjonijiet li nkorporat fl-assi fuq deskritti, tiddikjara li l-posizzjoni hi dik enuncjata fl-istess paragrafu.

Illi fuq l-istregwa tat-testmenti fuq citati l-beni fuq deskritti jispettaw ghalhekk kwantu ghal dawk il-beni tal-mejjet Emmanuel Grech lill-atturi fi proporzjon ta' nofs kull wiehed, mentri l-beni tal-mejta Carmela Grech jispettaw lill-konvenuta.

Illi in kwantu ghall-ispartizzjoni tal-passiv il-Qorti ser tiddiskosta marginalment minn dak sottomess mill-abbli perit legali stante li hi tal-fehma li ghandha tadotta dak li l-konvenuta stess iddikjarat li ghandha tirrifondi lill-atturi. Fl-istess waqt, pero', din il-Qorti qed tiddikjara li ma taqbilx ma' dak sottomess mill-atturi u ghalhekk tiddikjara li l-ammont li l-konvenuta ghandha tirrifondi jikkonsisti fis-somma ta' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm153.72), tnejn u sittin lira Maltin (Lm62) u hames liri Maltin (Lm5) kif riferut a folio 130, ghall-total ta' mitejn u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm220.72), li minnu titnaqqas is-somma ta' sbatax-il lira Maltin (Lm17), b'dan li l-ammont li l-konvenuta ghandha thallas lill-atturi hu ta' mitejn u tliet liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm203.72).

Illi in kwantu ghar-remissa li hemm qbil li illum tappartjenti kwantu ghan-nofs indiviz lill-atturi u kwantu ghan-nofs indiviz l-iehor lill-konvenuta, u li taghha hemm deskrizzjoni a folio 183, din ghandha tigi licitata b'ammissjoni ta' oblaturi estranji stante li kemm l-posizzjoni fejn tinstab, l-kobor taghha u l-istat delapidat taghha ma jippermettux li tigi fisikament diviza.

Ghaldaqstant, tiddisponi mill-kawza billi tiddeciedi li:

1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn l-imsemmija konjugi Grech tikkonsisti fil-beni kif fuq dikjarati u riportati;

2. tilqa' t-tieni talba billi tordna d-divizjoni tal-imsemmija beni kif dikjarati li jiffurmaw il-komunjoni tal-akkwisti, b'eskluzjoni tar-remissa, billi jinqasmu f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lill-assi ereditarji ta'

Emmanuel Grech u l-ohra lill-assi ereditarji ta’ Carmela Grech nee’ Vella;

3. tilqa’ t-tielet talba u tiddikjara li l-assi parafernali ta’ Emmanuel Grech jikkonsistu fil-beni kif fuq dikjarati u riportati;

4. tilqa’ r-raba talba u tiddikjara li l-assi parafernali ta’ Carmela Grech nee’ Vella jikkonsistu fil-beni fuq dikjarati u riportati;

5. tordna li l-assi kollha ta’ Emmanuel Grech kif dikjarati u riportati hawn fuq, konsistenti f’nofs il-beni dikjarati bhala appartententi l-komunjoni tal-akkwisti, ghad-esklusjoni tar-remissa, u fil-beni dikjarati bhala parafernali tieghu, li jghaddu lill-atturi f’porzjoni ta’ nofs kull wiehed;

6. tordna li l-assi kollha ta’ Carmela Grech nee Vella kif dikjarati u riportati hawn fuq, konsistenti f’nofs l-beni dikjarati bhala appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti, ghad-eskluzzjoni tar-remissa, u fil-beni dikjarati parafernali taghha, li jghaddu lill-konvenuta;

7. tordna fir-rigward ir-remissa li tinbiegh b’licitazzjoni b’ammissjoni ta’ oblaturi esterni u r-rikavat jigi spartit ugwalment nofs lill-atturi u nofs lill-konvenuta;

8. tinnomina bhala kuratur sabiex jirraprezenta lil minn fost il-kontendenti jibqa’ kontumaci li jaghti l-kunsens tieghu fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni kif fuq ordnat tal-assi detenuti f’kontijiet bankarji u investimenti, jekk il-kaz, lill-Avukat Joseph Grech.

In kwantu ghall-ispejjez tal-kawza tiddeciedi li ghandhom jithalsu kwantu ghal zewg terzi mill-atturi, ossija terz kull wiehed, u terz mill-konvenuta.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------